**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 t' April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**Vs**

**Iana Muscat**

Kump Nru 607/2019

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputata **Iana Muscat** detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0456292M, giet akkuzata talli nhar it-12 ta' Awwissu 2019 għal-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) waqt li kont ġewwa Louise Stationery and Bazaar ta' Triq id-Duluri il-Ħamrun:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Louise Ann Marie Attard KI:0455284M f'periklu ċar ikkaġunajt ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema offiża hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat Dr. Gillian Pace Moore Reg No.4282 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, imbuttajt lil imsemmija Louise Ann Marie Attard sabiex tweġġaħa jew tinsulentaha;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin lok, u ċirkostanzi għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta lil imsemmija Louise Ann Marie Attard, jew jekk kont ipprovokata, inġurjajtha b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta'l-imsemmija Louise Ann Marie Attard skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali tas-6 ta' Lulju 2021 (ara *folio* 110) u l-kunsens ta` l-imputaat ta' 22 ta' Settembru 2021 (ara folio 112);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet sottomissjonijiet;

Rat illi fix-xhieda taghha ta' l-1 ta' Gunju 2021 (ara fol 106) Louise Ann Marie Attard, iddikjarat irrevokabbilment li hija trid li l-proceduri fil-konfront ta` l-imputata jieqfu minnufieh peress illi kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Semget sottomissjonijiet;

**Konkluzjoni.**

A. **dwar l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (2) u (3) tiddikjara l-procediment bhala wiehed ezawrit stante r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti ta' Louise Ann Attard;**

B. **dwar l-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu (1), minhabba kunflitt fil-provi, liema kunflitt kien wiehed mhux frivolu, u kien allura wiehed li jirrendi l-atti processwali bhala mhux sufficjenti**

**bizzejjed ghas-sejbien tal-htija, issib lill-imputata mhux hatja u tilliberaha minn din l-imputazzjoni skond il-Ligi;**

C. **dwar l-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu (4), peress illi din tirrizulta sodisfacentement mill-provi, issib lill-imputata hatja ta` din l-imputazzjoni; rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9, u tikkundannaha ghall-piena ta` ammenda fis-somma ta' hamsin ewro (€50).**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur